**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-04 ta' Mejju, 2016

Talba Numru: 22/2016

Numru fuq il-Lista: 14.

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Triq Agius De Soldanis,**

**Santa Venera**

**vs**

**Mohsen Bettaieb (ID 25455A)**

**206, Triq San Xmun, St. Paul's Bay.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fl-20 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu l-Awtorita` attrici talbet il-ħlas mingħand il-konvenut is-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€677.60c) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenut fl-24 ta' Frar, 2014 waqt li kien qed isuq il-vettura bin-

numru ta' registrazzjoni BUS 122 u habat ma' Belisha Pole u Belisha Beacon li jinsabu fi Triq l-Imtarfa, Mellieha .

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-Awtorita′ attriċi u l-fatt lil-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-Awtorita′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€677.60c) bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**